

Brussell, 9 ta' Diċembru 2016  
(OR. en)

15312/16

MIGR 214  
EDUC 419  
JEUN 107  
SPORT 87  
CULT 118  
SOC 780  
EMPL 526  
ASILE 89

#### **EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	9 ta' Diċembru 2016
lil:	Delegazzjonijiet

---

Nru. dok. preċ.:	14480/16 MIGR 197 EDUC 381 JEUN 101 SPORT 82 CULT 114 SOC 713 EMPL 487 ASILE 78
------------------	--

---

Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgħixu legalment fl-UE - Konklużjonijiet tal-Kunsill (9 ta' Diċembru 2016)
----------	---

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgħixu legalment fl-UE, adottati mill-Kunsill fit-3508 laqgħa tiegħu li saret fit-8 u d-9 ta' Diċembru 2016.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet  
tal-Istati Membri dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgħixu legalment fl-UE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI

*JENFAZZAW* il-ħtieġa għal politiki ta' integrazzjoni effettiva għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgħixu legalment fit-territorji tagħhom;

*JIRRIKONOXXU* li aktar influssi migratorji jgħolqu aktar sfidi għall-integrazzjoni;

*JINNOTAW* li l-integrazzjoni effettiva ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgħixu legalment jikkontribwixxu għall-bini ta' soċjetajiet inklużivi, koeżivi u prosperi, li hu ta' interess komuni għall-Istati Membri kollha;

*JIRRIKONOXXU* l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea intitolata "Pjan ta' Azzjoni dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi"<sup>1</sup>;

*JINNOTAW* li l-Pjan ta' Azzjoni jagħti ħarsa lejn il-prijoritajiet politiċi ewlenin fil-qasam tal-integrazzjoni u jipproponi għodod konkreti għall-appoġġ tal-integrazzjoni f'ħames oqsma tematiċi, inkluż l-appoġġ finanzjarju mill-fondi tal-UE, u jippromwovi koordinazzjoni politika bejn l-atturi involuti fil-proċess ta' integrazzjoni;

*JIRRIKONOXXU* l-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa u JILQGĦU l-fokus tagħha fuq it-titjib u l-użu aħjar tal-ħiliet u l-kwalifiki fl-UE, inkluż dawk ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi;

---

<sup>1</sup> COM(2016) 377 finali

*JIEĦDU NOTA* tal-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-Integrazzjoni tar-refuġjati fl-UE<sup>2</sup>, ir-Riżoluzzjoni tal-5 ta' Lulju 2016 tal-Parlament Ewropew dwar ir-refuġjati: l-inklużjoni soċjali u l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol<sup>3</sup> u l-Opinjoni tal-Kummissjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni għaċ-Ċittadinanza, il-Governanza, l-Affarijiet Istituzzjonali u Esterni intitolata “Pjan ta’ Azzjoni dwar l-integrazzjoni ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi”;

*IFAKKRU* fil-bażi legali speċifika għall-integrazzjoni ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi prevista fl-Artikolu 79(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

*JAFFERMAW MILL-ĠDID* l-impenn tagħhom li jieħdu kont tal-prinċipji bażiċi komuni għall-integrazzjoni tal-immigranti fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-integrazzjoni u b’mod partikolari l-fatt li l-integrazzjoni hija proċess dinamiku f’żewġ direzzjonijiet ta’ akkomodazzjoni reċiproka bejn is-soċjetà ospitanti u ċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi, li timplika impenn miż-żewġ naħat;

*JISSOTTOLONJAW* li r-rispett tal-valuri sottostanti tas-soċjetajiet Ewropej, kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, huwa sine qua non għall-koeżjoni soċjali fl-Unjoni Ewropea;

*JILQGĦU* t-tisħiħ tar-rwol tal-punti ta' kuntatt nazzjonali dwar l-integrazzjoni u t-trasformazzjoni tagħhom għan-Netwerk Ewropew tal-Integrazzjoni, bi rwol ta’ koordinazzjoni aktar qawwi u mandat ta’ tagħlim reċiproku;

*JIRRIKONOXXU* r-rwol tal-awtoritajiet reġjonali u lokali, is-soċjetà ċivili, is-sħab soċjali kif ukoll is-sħab u l-komunitajiet lokali fil-proċess ta’ integrazzjoni, f’kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali filwaqt li jirrispettaw il-qsim ta’ kompetenzi fl-Istati Membri;

---

<sup>2</sup> SOC/532

<sup>3</sup> 2015/2321(INI)

*JIEĦDU IN KONSIDERAZZJONI* l-miżuri proposti inkorporati fil-Pjan ta' Azzjoni dwar l-integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi filwaqt li jirrispettaw is-sitwazzjoni u l-kondizzjonijiet speċifiċi fl-Istati Membri;

*JILQGĦU* l-isforzi tal-Kummissjoni biex jiżdied il-finanzjament disponibbli għall-integrazzjoni, flimkien mar-riżorsi eżistenti disponibbli, taħt il-fond għall-asil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni fil-kuntest tal-proposta tagħha għall-baġit annwali għall-2017;

*JISTIEDNU* lill-Istati Membri:

1. Jipparteċipaw attivament fl-iskambju tal-aħjar prattiki fil-qasam tal-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, permezz tal-kondiviżjoni ta' għarfien u ta' esperjenza permezz ta' żjarat ta' studju, seminars tematiċi, għodod online u ta' attivitajiet ta' taġġim bejn il-pari, b'mod partikolari permezz tan-Netwerk Ewropew tal-Integrazzjoni;
2. Fejn adatt, jagħmlu użu mill-għodod mħabbra taħt l-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa biex jindirizzaw, il-valutazzjoni, il-validazzjoni u r-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-ħiliet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluż benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali li waslu reċentement, filwaqt li jfakkru li l-korpi preparatorji rilevanti tal-Kunsill ser jeżaminaw il-proposti rilevanti taħt l-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa;
3. Jimplimentaw b'mod sħiħ il-prinċipju tas-sħubija mirqum fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
4. Itejbu l-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-eżiti ta' integrazzjoni u l-politiki ta' integrazzjoni billi jippromwovu użu aħjar u żvilupp ulterjuri tal-għodod u l-indikaturi attwali, inkluż l-Indikaturi tal-UE tal-Integrazzjoni tal-Immigranti (l-hekk imsejħa "indikaturi ta' Zaragoza");

5. Jiffukaw l-isforzi tagħhom fl-oqsma li ġejjin f'konformità mal-politiki u l-prijoritajiet nazzjonali:
- a) Miżuri ta' qabel it-tluq, qabel il-wasla u ta' integrazzjoni bikrija, b'mod partikolari dawk li jiffavorixxu l-aċċess bikri għall-edukazzjoni, għat-taħriġ vokazzjonali u għas-suq tax-xogħol, inkluż fokus fuq korsijiet introduttorji u tal-ilsna u fuq l-għoti ta' informazzjoni bażika dwar is-soċjetajiet ospitanti;
  - b) Joffru opportunitajiet liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jipparteċipaw attivament fil-ħajja ekonomika, soċjali, ċivika u kulturali tal-Istati Membri; jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni u s-segregazzjoni; jipprovdu opportunitajiet indaqs u jippromwovu djalogu interkulturali u aċċettazzjoni reċiproka bejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u s-soċjetajiet ospitanti;
  - c) Il-promozzjoni attiva, pereżempju permezz ta' programmi ta' orjentazzjoni ċivika, tal-valuri sottostanti tas-soċjetajiet Ewropej, bħad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet fundamentali;
  - d) L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, b'mod partikolari l-attivitajiet immirati lejn it-tagħlim tal-lingwi, l-edukazzjoni bikrija tat-tfal, kif ukoll it-tagħlim mhux formali u dak informali; jippromwovu aċċess għas-sistema edukattiva prinċipali u jinkoraġġixxu liċ-ċittadini ta' terzi pajjiżi biex jibdew u jtemmu tali edukazzjoni, kif ukoll l-appoġġ lil, u taħriġ għall-għalliema, l-edukaturi u l-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh kif ukoll il-professjonisti fil-qasam tal-kultura u l-isport li jaħdmu ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari maż-żgħażaġh;

- e) Politiki soċjali u tal-impieg; promozzjoni tal-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluż benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali, biex tiġi mħeġġa l-kontribuzzjoni tagħhom għall-ekonomija u s-soċjetà waqt li jittieħed kont tas-sitwazzjoni speċifika tal-gruppi vulnerabbli, u appoġġ għall-intraprenditorija tal-migranti;
- f) Involviment tas-settur privat fil-promozzjoni tar-rispett għad-diversità u l-iżgurar tan-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol; kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili bħala kwistjonijiet ċentrali fil-promozzjoni tal-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol;
- g) Il-promozzjoni tal-aċċess għas-servizzi bażiċi għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi permezz ta' approċċ integrat, b'mod partikolari fir-rigward tas-settur tad-djar, is-saħħa, l-edukazzjoni u s-servizzi soċjali li jinvolvu korpi differenti fil-livell nazzjonali, reġjonali u dak lokali;
- h) L-iżgurar ta' koordinazzjoni aħjar tal-atturi ewlenin fil-livell nazzjonali, reġjonali u dak lokali u l-promozzjoni tal-integrazzjoni fl-oqsma ta' politika kollha rilevanti;
- i) Promozzjoni u appoġġ għal attivitajiet ta' volontarjat għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluż minn organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh;
- j) Promozzjoni tal-parteċipazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi f'attivitajiet kulturali u tal-isports u organizzazzjonijiet bħala mezz li jiffaċilita l-kuntatti bejn ċittadini ta' pajjiżi terzi u s-soċjetà ospitanti, li jfornuom b'kompetenzi interkulturali u li jrawmu d-djalogu interkulturali;
- k) L-indirizzar tal-ħtiġijiet speċifiċi taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi l-aktar vulnerabbli, bħat-tfal, b-mod partikolari l-minuri mhux akkumpanjati, in-nisa, ix-xjuħ u l-persuni b'diżabilità;

- l) Il-ġlieda kontra l-isterjotipi, l-intolleranza, id-diskriminazzjoni, ir-razziżmu u l-ksenofobija, inkluż permezz ta' programmi mmirati ta' riċerka, taħriġ u ta' appoġġ għall-awtoritajiet pubbliċi u partijiet interessati oħra inkluż l-NGOs, id-dinja akkademika, l-istituzzjonijiet kulturali u l-intrapriżi biex titqajjem is-sensibilizzazzjoni u jitjieb l-għarfien dwar ir-reazzjonijiet għal dawn il-fenomeni;
- m) Miżuri ta' sensibilizzazzjoni rigward l-isfidi u l-opportunitajiet li l-migrazzjoni tista' tippreżenta għas-soċjetajiet Ewropej;
- n) Investiment f'politiki li jipromwovu l-inklużjoni soċjali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi biex eventwalment is-soċjetajiet Ewropej jsiru aktar prosperi, koeżivi u inklużivi.

#### JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI SABIEX:

1. Tipprovdi appoġġ għall-Istati Membri fir-rigward tal-valutazzjoni, il-validazzjoni u r-rikonossiment tal-kwalifiki u l-ħiliet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluż il-benefiċjarji mill-protezzjoni internazzjonali waslu reċentement li ma jkollhomx evidenza dokumentarja tal-kwalifiki tagħhom;
2. Tikkunsidra l-ħtieġa li jiġu allokatu aktar riżorsi mill-baġit tal-UE għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-proċeduri baġitarji annwali fil-futur u li tipprovdi gwida għall-Istati Membri dwar kif jiġi massimizzat il-finanzjament tal-UE li jappoġġa l-integrazzjoni;
3. Tiżgura koordinazzjoni u skambji aħjar bejn il-livell nazzjonali u dak tal-UE u bejn gruppi ta' esperti u fora eżistenti tal-UE li jaħdmu fuq soġġetti relatati mal-integrazzjoni;

4. Tesplora modi għal azzjoni u appoġġ tal-UE għall-Istati Membri dwar il-kwistjonijiet li ġejjin mhux imsemmija fil-Pjan ta' Azzjoni, bil-ħsieb li:
- a) jinxterdu prattiki tajba fir-rigward tal-integrazzjoni ta' ċittadini illitterati ta' pajjiżi terzi;
  - b) tiġi promossa l-kooperazzjoni mal-media billi jiġu organizzati seminars jew konferenzi, speċjalment dwar il-ġlieda kontra sterjotipi negattivi u l-ħolqien ta' perċezzjoni pubblika bilanċjata tal-migrazzjoni (ir-rwol tal-media tal-massa, il-kampanji ta' komunikazzjoni, il-promozzjoni tal-iskambji bejn ċittadini ta' pajjiżi terzi u s-soċjetà ospitanti), kif ukoll is-sensibilizzazzjoni tal-impatt pożittiv tad-diversità kulturali u d-djalogu interkulturali;
  - c) tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-korpi preparatorji u l-kumitati eżistenti tal-Kunsill (b'mod partikolari il-Kumitat tal-Edukazzjoni, il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali, il-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali) sabiex titjeb, jekk adatt, id-data fil-livell tal-pajjiżi għal monitoraġġ aħjar tal-eżitu tal-politika tal-integrazzjoni fil-livell tal-UE, u biex jitjiebu l-metodi u l-ġhodod attwali tagħhom;
5. Tissorvelja mill-qrib u regolarment u tirrapporta lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet fil-livell tal-UE għall-appoġġ tal-Istati Membri inklużi fil-Pjan ta' Azzjoni dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.